**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 30**

6 ta' Mejju 2026

It-tletin (30) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 30.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

30.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 30.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

30.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tad-disgħa u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

### 30.3 APPROVAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJU TAL-EWWEL KWART TAS-SENA 2026

30.3.1. Is-SE informa li din il-materja se jkollha tiġi posposta minħabba li r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart ma kienx laħaq ġie konkluż fil-ħin.

30.3.2. Il-Kunsill innota dan u qabel li l-materja għandha terġa' titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

### 30.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

30.4.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien għaddej il-proċess tat-tiġdid tal-permessi tal-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Huwa qal li matul dan il-proċess innota li matul is-snin kienu ħarġu diversi permessi li ma kellhomx joħorġu minħabba li l-applikazzjonijiet ma kienux jissodisfaw il-kriterji mitluba.

30.4.1.1. Huwa qal li kien jiddispjaċih jgħid li meta kienet inħolqot din is-sistema oriġinarjament kien ġie mwaqqaf Bord tal-Verifika li kien janalizza l-applikazzjonijiet b'mod individwali.

30.4.1.2. Is-Sindku kompla billi qal li kien qed jipproponi li dan il-Bord tal-Verifika jerġa' jiġi stabbilit u ippropona li tinħatar persuna indipendenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

30.4.1.3. Is-Sindku qal li l-permessi li ħarġu s'issa għandhom jinżammu iżda għandu jsir kull sforz possibbli biex jitwaqqaf l-abbuż bħal li ssir verifika mar-reġistru elettorali, eċċ.

30.4.2. Is-Sindku għamel riferenza għal applikazzjoni ta' guesthouse li qed jiġi propost li tiġi emendata biex tiżdied għal wieħed u ħamsin kamra.

30.4.2.1. Is-Sindku kompla billi qal li dan ikompli juri kemm qed tinbidel il-lokalità.

30.4.2.2. Huwa kompla billi qal li kien qed jipproponi li l-konferenza li ser jagħmel il-Kunsill tiġi iffilmjata mill-UTV. Huwa qal li dan kien l-aħħar ċans li l-Kunsill għandu biex jipprova jikkonvinċi lill-awtoritajiet biex isir xi ħaġa ħalli l-lokalità tibqa' waħda residenzjali.

30.4.2.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li fid-dawl tal-elezzjoni nazzjonali, din il-konferenza mhux se ssir fi żmien tajjeb.

30.4.2.4. Is-Sindku NH qal li l-Kunsill ma jistax jerġa' jipposponi. Huwa qal li l-għan tal-konferenza kien li toħroġ strateġija li 'l quddiem tkun tista' tiġi diskussa mal-amministrazzjoni l-ġdida.

30.4.2.5. Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-attendenza li wieħed jistenna li se jkun hemm matul din il-konferenza.

<u>**17:34 Il-Kunsilliera JVP attendiet għal-laqgħa.**</u>

30.4.2.6. Wara li kompla jiddiskuti il-Kunsill qabel li l-konferenza tiġi ffilmjata mill-UTV hekk kif propost mis-Sindku.

30.4.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-attività tal-ġurnata tal-Indipendenza tal-Filippini. Il-Kunsill iddiskuta l-pagament li l-Kunsill ser jitlob għal din l-attività u qabel li għandu jitlob il-prezz ta' €600.

30.4.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-għajnuna tiegħu. Huma talbu wkoll laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

30.4.5. Is-Sindku ressaq talba mingħand l-Għaqda tan-Nar fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill għal attività. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma qabilx minħabba li l-attività kienet diġà saret u għalhekk kien tard wisq biex isir ir-reklamar neċessarju li jindika l-parteċipazzjoni konġunta tal-Kunsill.

30.4.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana FC. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx minħabba li l-attività kienet diġà għaddiet u għalhekk kien tard wisq biex isir ir-reklamar neċessarju li jindika l-parteċipazzjoni konġunta tal-Kunsill.

30.4.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana FC Nursery fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw attività tal-aħħar tal-istaġun fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V nhar is-26 ta' Ġunju.

**Nota: 17:48 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

30.4.7.1. Il-Kunsillier DC ġibed l-attenzjoni għall-kuntratt tal-gabbana.

30.4.7.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-permess jinħareġ bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

30.4.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw b'applikazzjoni għal parkeġġ personalizzat għal resident. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 17:49 Il-Kunsilliera SSH attendiet għal-laqgħa.**

30.4.9. Is-Sindku ressaq talba biex issir charging point fi Triq il-Miratur. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir charging point faċċata iżda ma qabilx li għandu jitħalla jsir parkeġġ fuq il-bankina.

30.4.10. Is-Sindku ressaq suġġeriment biex isiru planters taħt il-gallarija tal-każin tal-Partit Laburista. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

30.4.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-My Convenience li talab għal un/loading bay. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma qabilx mat-talba.

30.4.12. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-partit Aħwa Maltin li talbu li jagħmlu attività fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

**Nota: 18:00 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**18:01 Il-Kunsilliera SSH attendiet għal-laqgħa.**

30.4.12.1. Is-Sindku ippropona li l-partiti politiċi jkunu mitluba jħallsu bħal ħaddieħor meta jorganizzaw attivitajiet f'postijiet li huma devoluti lill-Kunsill.

30.4.12.2. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

30.4.13. Is-Sindku informa li kellu stedina mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia u qal li kienu qed iressqu proposta biex jintwerew tliet filmati kif ukoll li tittella' diskussjoni wara l-filmat. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-attivitajiet jittellgħu fejn propost bil-kundizzjoni li l-attivitajiet ma jieħdux xejra politika.

30.4.14. Is-Sindku ressaq talba proposta għal introduzzjoni ta' sistema ta' mili tal-ilma. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom dwar dan.

30.4.15. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand studenta li offriet lill-Kunsill sabiex jassorbi r-rwol ta' gatekeeper fir-riċerka tagħha. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan l-irwol f'dan l-istudju.

30.4.16. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Associazione Promozioni Sociale – Macerata fejn ipproponew li jissaħħu r-rabtiet ta' bejnhom u bejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 30.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

30.5.1. Il-Kunsillier DC staqsa jekk il-Kunsill jitħajjarx joffri xi *equipment* inkluż xi mwejjed li l-Kunsill kien akkwista permezz ta' fondi biex jissellfu lill-għaqdiet lokali bħala assistenza fl-attivitajiet tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jinforma lill-għaqdiet lokali b'din l-assistenza.

30.5.2. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienitx intbagħtet korrispondenza lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar. Is-SE qal li kien bagħat tfakkira.

30.5.3. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi tweġiba fuq il-paviment tal-Housing Estate.

## 30.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITAT

30.6.1. Ma kienx hemmx rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

## 30.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

30.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 23/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

30.7.2. Is-Sindku staqsa rigward il-kont ta' La Loggia fejn ġie infurmat li l-kont kien għadu ma ntbagħatx lill-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill qabel li dan jitħallas appena jasal.

30.7.3. Is-Sindku staqsa rigward il-pagament li hemm fuq l-iskeda li jittratta s-servizz tad-disinn tal-poster tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u staqsa għalfejn ma kienx tħallas mill-Awtorità tat-Turiżmu.

30.7.3.1. Is-SE informa li matul waħda mil-laqgħat kien issemma l-fatt li ma riedux jagħmlu l-poster huma.

30.7.3.2. Għalhekk is-Sindku ippropona li għas-snin li ġejjin, jitqabbdu kuntratturi li jżommu irħas. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

30.7.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

## 30.8 ĦSARAT FIL-LATRINI TAĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

30.8.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill għandu jara x'jista' jsir fir-rigward ta' dawn il-latrini.

30.8.2. Is-SE spjega s-sitwazzjonijiet u d-diffikultajiet li l-Kunsill kien qed jiltaqa' magħhom inkluż dewmien biex jaslu l-parts li jkunu ġew ordnati. Huwa kompla billi qal li s-sensor kien qed jitlaq frekwentament.

30.8.3. Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-Kunsill jikkunsidra li l-latrini jintużaw b'pagament kif isiru f'postijiet oħra kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

30.8.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb ibiddel il-flushing awtomatiku għal wieħed manwali li jkollu buttuna li tagħfas minflok sensor awtomatiku.

## 30.9 SOTTO KUMITAT GĦAL 'ĠENNA TA' ĠONNA'

30.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien hemm żewġ individwi li kienu wrew interess li jifformaw parti minn dan is-sotto kumitat.

30.9.2. Il-Kunsillier DC qal li hu m'għandux oġġezzjoni għall-approvazzjoni ta' dawn il-membri bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm il-problemi li kien hemm f'sottokumitati oħra fejn membru ma jaċċettax li d-deċiżjoni finali tkun dik tal-Kunsill u mhux tas-sotto kumitat.

30.9.3. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsillier DC jħoss li hemm membri tas-sotto kumitat li mhux qed iġibu ruħhom b'mod xieraq, il-kunsilliera għandhom il-faċilità li fi kwalunkwe ħin jipproponu t-tneħħija ta' kwalunkwe membri bħalma għandhom id-dritt jipproponu l-membri ġodda.

## 30.10 RELAZZJONIJIET MAL-KUNTRATTUR TAD-DWAL TAT-TOROQ

30.10.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi irrefera għall-kuntrattur tal-Kunsill, Nexos Street Lighting, u qal li jinsab iddiżappuntat ħafna bis-servizz mogħti minnhom.

30.10.2. Is-SE spjega li l-kuntratt tagħhom ma kienx dirett mal-Kunsill iżda kien wieħed reġjonali.

30.10.3. Il-Kunsill iddiskuta l-alternattivi li għandu u qabel li għandu jieħu ħsieb jitkellem direttament mal-kuntrattur l-għada ħalli din il-problema tkun tista' tiġi riżolta.

## 30.11 STEDINA GĦAL ŻJARA F'WEIDEN, IL-ĠERMANJA

30.11.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-istedina mill-Kunsill ta' Weiden fejn stiednu lill-Kunsill għal żjara f'Weiden mis-26 ta' Ġunju sat-28 ta' Ġunju.

30.11.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandhom imorru is-Sindku NH, il-Viċi Sindku JAE u l-Kunsillier DC. Peress li l-istedina kienet għal erba' persuni, il-Kunsill qabel li għandu jara jekk hemm xi ħadd mill-istaff amministrattiv li jixtieq jattendi għal din iż-żjara u jekk le, joffri dan il-post lil xi membru tas-sottokumitati.

## 30.12 ĠITA GĦAL MACERATA F'AWWISSU 2026

30.12.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-ġita għal Macerata fl-aħħar t'Awwissu.

30.12.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jsejjaħ laqgħa sal-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa u tiġi diskussa l-loġistika.

30.12.3. Is-Sindku qal li xtaq jinvolvi lil Fr Peter Paul. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jieħu ħsieb jiffissa data.

## 30.13 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

30.13.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2026 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |